# It-Turiżmu ’l Barra minn Malta: K2/2024

NR 158/2024 Data tal-Ħruġ: 27 ta’ Awwissu 2024

*Fit-tieni kwart tal-2024, it-turisti kollha li ħarġu ’l barra mill-pajjiż, li fil-fatt huma r-residenti ta’ Malta li siefru, kienu stmati li jlaħqu mal-189,404, biex b’hekk baqgħu fl-istess ilma ta’ sena qabel. L-iljieli kollha mqattgħin barra mill-pajjiż laħqu l-1,213,539.*




**April-Ġunju 2024**

Matul is-sitt xhur ittrattati f’din l-istqarrija, saru b’kollox 122,825 safra ’il barra mill-pajjiż għal btala; warajhom kien hemm 37,978 safra li saru għal żjarat lill-ħbieb u l-qraba. Il-biċċa l-kbira ta’ dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (47.7 fil-mija), filwaqt li warajhom kien hemm dawk fil-kategorija ta’ bejn il-45 u l-64 sena (29.3 fil-mija) (Tabella nru 1).

It-turisti li siefru biex imorru f’pajjiżi tal-Unjoni Ewropea naqsu b’1.6 fil-mija, filwaqt li t-turisti l-oħra li siefru biex imorru f’pajjiżi oħra żdiedu b’5.5 fil-mija. L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b’persentaġġ ta’ 39.3 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 6).

L-iljieli kollha mqattgħin mit-turisti li siefru fit-tieni kwart tal-2024 qabżu l-1.2 miljun lejl. L-akbar għadd ta’ dawn l-iljieli (51.7 fil-mija) kienu mqattgħin f’akkomodazzjonijiet mikrija (Tabella nru 3). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta’ 6.4 iljieli (Tabella nru 1).

Sena għal sena, bejn April u Ġunju l-infiq kollu mit-turisti li ħarġu ’l barra mill-pajjiż żdied għal €169.6 miljun, li jiġi daqs medja ta’ €896 kull persuna (Tabelli nri 4 u 5).

**Jannar-Ġunju 2024**

Fl-ewwel nofs tas-sena 2024, is-safar kollu ’l barra minn Malta laħaq it-368,398 safra, li huma żieda ta’ 6.0 fil-mija meta mqabblin mal-istess perjodu tal-2023 (Tabella nru 7). L-iljieli mqattgħin minnhom telgħu bi 3.3 fil-mija, u qabżu ż-2.4 miljun lejl (Tabella nru 9). Barra minn hekk, l-infiq kollu tagħhom kien stmat li laħaq it-€329.9 miljun, li jiġi 11.0 fil-mija aktar minn dak irreġistrat fl-istess perjodu fis-sena ta’ qabel (Tabella nru 10).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ turisti li siefru ’l barra minn Malta, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tul medju taż-żjajjar bis-sena u t-tip ta’ akkomodazzjoni

April-Ġunju




## Ċart nru 3a. L-infiq sħiħ, ras għal ras, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

April-Ġunju




## Ċart nru 3b. L-infiq sħiħ, kull lejl, mit-turisti li siefru ’l barra minn Malta

April-Ġunju




## Ċart nru 4. L-infiq medju, ras għal ras, bid-destinazzjoni fejn ikunu marru t-turisti

April-Ġunju

